# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 5

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

L-Erbgħa 14 ta' Frar 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Maximillian Zammit u tas-Sur Anthony Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġij.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 4 li saret nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

5.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' San Ġiljan, mis-Sur Guido Dalli.

## 5.3 Komunikazzjoni mill-President

5.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

## 5.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

5.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

5.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 5.5 Rapporti

5.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li minħabba l-maltemp l-Accountant, is-Sur Daniel Galea, ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa sabiex jippreżenta r-rapporti finanzjarji. Peress li ma kellniex bdil drastiku kien hemm qbil bejn il-memberi li jekk ikun hemm bżonn ta' xi spjegazzjoni is-Sur Galea kien lest li nkelmuh permezz tat-telefon. Madankollu, is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda r-rapport Annwali u l-Financial Statements għas-sena 2017.

5.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, żiedet tgħid li r-Reġjun qed jonfoq medja ta' €200,000 fis-sena fejn il-maġġoranza ta' l-ispejjez huma relatati mat-Tribunal. Hija fakret li s-salarji ta' l-impjegati kollha fi ħdan ir-Reġjun għadhom qed jiġu rimborżati b'xharejn lura. Peró minn Settembru 2015 'l hawn ma kien hemm l-ebda dħul finanzjarju ieħor

5.5.3 Il-President żied jgħid li għalkemm dan ir-Reġjun kien l-aktar wieħed b'saħħtu fil-passat,

illum il-ġurnata huwa l-iktar Reġjun li qed joħroġ flus peress li l-ispejjez relatati mat-Tribunal baqgħu jinħarġu. Għal din ir-raġuni huwa spjega kif is-sena 2017 qed terġgħa tingħalaq b'telf.

5.5.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda l-baġit għas-sena 2018 kif ukoll il-*Business Plan* għas-snin 2018 sa' l-2020. Huwa spjega li dawn ir-rapporti huma simili bħad-dokumenti li kienu ġew ippreżentati s-sena li għaddiet peress li r-rapporti huma *wish lists.* Dan minħabba li m'hemmx allokazzjoni finanzjarja fuq xiex wieħed għandu juża biex jippjana aħjar.

5.5.5 Ir-rapporti kollha ġew unanimament approvati mill-membri preżenti.

5.5.6 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif dan ir-Reġjun għandu jkompli jaħdem sabiex il-fondi li qed jingħataw lir-Reġjun jiġu zviluppati proġetti ta' livell tajjeb, fosthom il-fondi li r-Reġjun ingħata mis-*surplus* tal-LESA għas-sena 2016.

5.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li dan ir-Reġjun għandu s-somma ta' €96,607.91 sabiex ir-Reġjun jonfoqhom f'proġett kulturali. Għal din ir-raġuni s-Sinjura Galea talbet sabiex il-membri jressqu l-ideat tagħhom. Hija spjegat kif meta jkun hemm qbil bejn il membri preżenti, il-President, is-Sur Fenech Adami għandu jressaq il-proposta waqt laqgħa ta' l-AKL b'ittra formali sabiex it-talba tkun tista' tiġi approvata.

5.5.8 Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa sabiex jiġi ppublikat ktieb li jinkorpora l-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun. Dan il-ktieb ikun jista' jingħata rigal mingħand il-Kunsilli bħala tifkira. Huwa spjega kif parti mis-somma għandha tkun fuq proġett sportiv fejn ir-Reġjun itella 'Sports Day' bejn l-iskejjel kollha li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun kif ukoll jittella kampjonat internazzjonali bejn *nurseries* tal-futbol f'Malta flimkiem ma' *nurseries* minn barra. Apparti minn hekk ser jinżammu attivitajiet sportive oħra li jinkludu *open water swimming*, atletika, ċikliżmu, u *triathlon.*

5.5.9 Kien hemm qbil fost il-membri preżenti dwar dawn iż-żewġ proposti. Aktar informazzjoni dwar dan ser tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 5.6 Sejħa għal Servizz ta' Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-Fondi ta' l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

5.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar din is-sejħa li nħarġet fuq is-sistema ta' l-EPPS nhar il-Ġimgħa 9 t a' Frar 2018 u li s-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2018.

5.6.2 *18:20 – Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, wasal għal din il-laqgħa.*

5.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex issir kjarifikazzjoni fuq l-prezz – jekk il-kuntratturi għandhomx jitfgħu ammont globali jew inkella rata ta' ħlas.

5.6.4 Kien hemm qbil fost il-membri li peress li r-Reġjun stabilixxa ammont fuq kif ser jintnefaq, ir-Reġjun għandu jingħata prezz globali.

5.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li l-membri għandhom jaħtru tliet evalwaturi fejn wieħed għandu jkun avukat, ieħor Accountant u ieħor espert fuq is-suġġett tas-sejħa.

5.6.6 Is-Sur Fenech Adami spjega li waqt laqgħa ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava kien qallilhom li ma kienx hemm bżonn iaqbadu l-esperti imma setgħu jintagħzlu mill-membri stess.

5.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri preżenti li dan id-diskors kien intqal ukoll waqt il-laqgħa tas-Sindki li kienet saret Għawdex f'Dicembru li għaddha. Għal din ir-raġuni hi talbet lid-DLG sabiex din tkun kjarifikata.

5.6.8 Peress li d-DLG enfasizza li għandhom jinħatru b'dan il-mod, is-Sur Michael Fenech Adami ssuġġerixxa li l-avukat għandhu jkun Dott. Richard Sladden, u l-accountant għandu jkun s-Sur Daniel Galea.

5.6.10 Is-Sur Fenech Adami talab lis-Sindku ta' tas-Sliema, lis-Sur Anthony Chircop, biex jkun l-evalwatur espert peress li hu intiż fis-suġġett.

5.6.11 Is-Sur Chircop aċċetta u għalhekk kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti dwar dan.

## 5.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Kunsill Lokali Ħal Lija***

5.7.1 Il-President spjega kif dan il-Kunsill xtaq jinfurmana dwar tibdil f'ammont li kien ġie approvat fil-minuti numru 3 li kienet inżammet nhar id-19 ta' Diċembru 2017. L-ispiza tax-xogħolijiet f'tabelli u sinjali kellha tkun ta' €2,322.20 u mhux ta' €1,738.10. Kif ukoll *plotting* ta' *road markings* fi Triq is-Salvatur, Ħal Lija, fejn l-ammont kellu jkun ta' €855.50 u mhux ta' €601.50

5.7.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

5.7.3 ***18:30 – Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur André Grech , skuża ruħu minn din il-laqgħa.***

- ***Kunsill Lokali Birkirkara***

5.7.4 Il-President spjega kif dan il-Kunsill xtaq jinfurmana li intnefqet is-somma t' €10,653.23 fi Triq Grech Delicata u s-somma ta' €28,746.81 fit-Triq Cezalpina Birkirara biex isir tarmak.

5.7.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- ***Kunsill Lokali Pieta'***

5.7.6 Il-President spjega kif dan il-Kunsill xtaq jinfurmana dwar is-somma ta' €66,066.30 li ntfeqet mis-Surplus funds li tqassmu mir-Reġjun matul is-sena 2017 f'diversi ix-xogħolijiet li jinkludu:

- CCTV’s - €3,542.22;
- Xogħol infrastrutturali fi Ġnien il-Marina - €29,547.52;
- Tiswija ta’ Gazebos ta’ l-injam fil-ġonna - €4,190.15;
- Security Service - €1,707.10;
- Servizz ta’ tindif/knis extra - €8,098.12
- Manutenzjoni u tibdil ta’ Belisha Beacon lights madwar il-lokalitā - €10,077.20;
- New street lighting - €8,903.99.

5.7.7 Il-Membri preżenti unanimament qablu dwar dan

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

5.7.8 Il-President spjega kif dan il-Kunsill xtaq jinfurmana dwar l-fondi biex jintużaw matul din is-sena għal

- Asfaltar ta’ parti minn Triq il-Knisja li huwa imminenti li jsir wara li gibna l-permessi kollha mehtiega. Skond il-kwotazzjoni, dan ix-xoghol ser jammonta €14,082.26.
- Pavimentar ta’ Sqaq - Skond il-kwotazzjoni, dan ix-xoghol ser jammonta €13,549.82.

5.7.9 Minbarra dawn iż-żewġ proġetti, għandu jsir ukoll xogħol ieħor ta’ bankini u asfaltar ta’ toroq wara li kien hemm problemi b’xi permessi tal-MEPA , fosthom:

- Taraġ fi Triq il-Mensija
- Asfaltar ta’ parti minn Triq San Ġorġ
- Asfaltar ta’ parti minn xi toroq f’ Ta’ Giorni.

Il-membri unanimament qablu dwar dan.

- *Kunsill Lokali l-Imsida*

5.7.10 Il-President informa lill-membri dwar it-talba mressqa mingħand dan il-Kunsill sabiex isir proġett fis-Swatar, l-Imsida. Dan il-proġett jinkludi *outdoor gym*, *soft flooring* u *fencicng* ghal playing field li jammontaw għal €23,500.

5.7.11 Il-Membri unanimament qablu dwar dan.

- *Kunsill Lokali Ta’ Xbiex*

5.7.12 Il-President informal ill-membri dwar it-talba mressqa dwar l-infieq li saru minn da nil-Kunsill fejn s-somma ta €55423.15 fejn €5,767.38 intnefqu fi spejjez tal-Perit, €22,157.90 fi progett Temi Zammit u Pietru Pawl Debono biex sar xogħol ta’ bankini, kif ukoll is-somma ta’ €10,794.19 fi proġett fi Triq id-Deffa sabiex sar xogħol ta’ bankini u ġew installati railings ta’ ħadid u tranġar ta hitan u proġett ta’ rampa għal amont ta’ € 16,703.68.

5.7.13 Il-membri unanimament qablu dwar dan.

- **Aġġornament fuq il-Ġbir ta' Multi Pendenti**

5.7.14 Il-President, informa lill-membri li l-Avukat, Dott. Richard Sladden, għarrafna li aktar kmieni llum ntbagħtu l-ittri legali tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan. Kif ukoll fakkar lill-membri li l-ittri legali qed jinbagħtu f'isem l-avukat u mhux mir-Reġjun.

- **Fondi għal Tarmac fit-Toroq**

5.7.15 Dan ir-Reġjun jixtieq ifakkar lil dawk il-Kunsilli Lokali kkonċernati biex jibgħatu d-dokumentazzjoni meħtieġa sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2018. Il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard, Birkirkara u Santa Venera għandhom estenzjoni ta' xharejn. Hekk kif ġejtu nfurmati permezz ta' e-mail mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, il-fondi tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida ser jerġgħu jingħataw lura lid-DLG peress li t-Triq mhux ser issir. Dan il-pagament huwa nkluż fl-iskeda ta' ħlasijiet f'din il-laqgħa.

- **Aġġornament fuq il-kuntratt ta' kiri ta' l-uffiċċju amministrattiv**

5.7.16 Il-President qal li dan ir-Reġjun ġie infurmat mid-DLG li peress li 'dan li qed jiġi diskuss huwa parti minn proċess ta' diskussjoni dwar ir-riforma iżda ma hemm xejn konkluż', aħna mitluba nimxu 'mal-Liġi li hija in vigore sal-lum. Ir-Reġjun għandu jirregolarizza ruħu mal-Liġi'. Għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun ser jipproċedi bil-kuntratti ġodda.

- **Ċirkulari ta' l-AKL 2018/005 – Assigurazzjoni tal-Flus (29/01/2018 – 28/01/2019)**

5.7.18 Il-President, informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ikkonferma mac-Citadel Insurance li dan ir-Reġjun huwa kopert f'dan il-qasam u għal din ir-raġuni mhux ser isir ħlas ieħor ma' l-AKL. Għal din ir-raguni, l-AKL ġiet infurmata dwar dan permezz ta' email.

- **Kors għas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun**

5.7.19 Il-President ressaq fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet sabiex sabiex is-Segretarji Eżekuttivi li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun jattendu għal kors bl-isem 'Principles of Risk Assessment'.

5.7.20 Il-membri unanimament qablu li dan il-kors għandhu jsir mill-OHSA.

- **Aġġornament fuq il-BYE-laws**

5.7.21 l-Avukat Dott Sladden infurmana li ser jgħaddilna draft version tal-Bye-Laws ix-xhar li ġej.

- **Aġġornament fuq il-*Cash in Transit***

5.7.22 Wara li ġie ppreparat id-dokumentazzjoni kollha sabiex jinbeda dan is-servizz, dan ir-Reġjun ġie infurmat mill-bank, BOV, li dan is-servizz mhux qed jingħata lil klijenti ġodda fil-preżent. Għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv insistiet li dan is-servizz huwa ferm importanti peress li hemm is-sigurta ta' l-individwi fin-nofs, hija ġiet infurmata li peress li mhux qed ileħqu mad-domanda li hemm fil-preżent, mhumiex ser jieħdu klijenti ġodda għalissa.

- **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

5.7.23 Il-President spjega kif qed terġa titressaq għall-approvazzjoni din il-ħatra sabiex is-Sinjura Marica Mifsud tiġi kkonfermata għal darb'oħra bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għal perjodu ta' tliet xhur oħra.

5.7.24 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- **Tiġdid tal-kuntratt ta' tliet impjegati fi ħdan ir-Reġjun**

5.7.25 Il-President ressaq għall-approvazzjoni il-kuntratti tas-Sur Danilo Bezzina (1 t'April 2015), tas-Sinjorina Antonella Baldacchino (1 ta' Ġunju 2015) u tas-Sinjur Ian Magro (1 ta' Lulju 2015). Peress li dejjem kien hemm *performance reports* tajbin matul dawn it-tliet snien, is-Segtretarju Eżekuttiv qed titlob li dawn jiġu mġedda b'sena oħra. Wara għeluq din is-sena, l-kuntratti jiġu indefiniti.

5.7.26 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- **Cirk AKL 2018/16 – Rapport Sindki u Presidenti Reġjonali**

5.7.27 Il-President spjega kif aktar kmieni dakinhar l-AKL bagħtet rapport dwar x'ser jigi diskuss fil-laqgħa tas-Sindki li ser tinżamm f'Marzu li ġej.

5.7.28 Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, xtaq jitkellem fuq il-punt dwar it-terminu tas-Sindku. Hu spjega li din kienet diġa ssemmiet u kienet qamet qa kbira u spjega kif ma jarax li din hija ġusta. Hu qal li fl-oppinjoni tiegħu, din ma kellhiex għalfejn tissemma ġaladarba wieħed qed iħalli f'idejn in-nies biex tieħu d-deċizjoni jekk għandhux ikun Sindku jew le.

5.7.29 Il-Presdient, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li dan ir-rapport inħareġ mill-AKL u li dan qatt ma kien ġie diskuss waqt il-laqgħat ta' l-AKL. Hu reġa tenna sabiex is-Sindki jkunu preżenti għall-laqgħa tas-Sindki f'Marzu u kulħadd iressaq l-opinjoni tiegħu. Rapport bħal dan huwa l-opinjoni tas-Sur Mario Fava u mhux tal-kumitat ta' l-AKL.

5.7.30 Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spjega li ċerti affarijiet qed jiġu diċentralizzati u jagħmlu aktar sens minħabba l-*economies of scale.*

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.8.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi Birkirkara, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 5A u 5B.

5.8.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 5.9 **Mozzjonijiet**

5.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 5.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:10 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 21 ta' Marzu, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |